MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 13/2006

Mary Assunta Azzopardi mart Ludovico, Joseph Camilleri, Michael Camilleri, Peter Paul Camilleri, Evangelista Hili mart Alfred f'isimha propju u kif ukoll ghan-nom tal-imsiefer David Camilleri u b'digriet tat-13 ta' Marzu 2008 Alfred Hili gie awtorizzat jassumi l-atti ghan-nom tal-asserti David Camilleri stante l-mewt ta' Evangelista Hili fil-mori tal-kawza; u b'digriet tat-13 ta' Marzu 2008 il-gudizzju gie transfuz f'isem Joseph Hili; Thomas Hili u Anthony Hili stante l-mewt tal-attrici Evangelista Hili fil-mori tal-kawza.

vs

Anthony Camilleri li b'digriet ta' l-14 ta' Marzu 2006 gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefer Reverendu Dumink Camilleri u ghal kull interess li jista jkollhom: Loreta mart Salvu Camilleri, Carmen mart John Vella, Anna Maria mart il-Perit Teddie Busuttil, Raymond

Camilleri, u Anton Camilleri kemm f'ismu propju u kif ukoll ghan-nom ta' l-imsiefer Eugene Camilleri

Il-Qorti,

**Nullita' ta' kuntratt – Inkapacita' legali jew naturali - Inkapacita li parti tikkuntratta taghti lok ghal nullita' assoluta jew relattiva ? - Preskrizzjoni skond l-Artikolu 1227 tal-Kodici Civili.**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-6 ta' Frar 2006 li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu:

B'kuntratt tat-tlieta (3) ta' Frar ta' l-elf disa mija u erbgha u disghin (1994) fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani, il-konjugi Angelo u Giuseppa Camilleri assenjaw b'titolu ta' donazzjoni lil binthom ir-Reverendu Dumink Camilleri l-fond bla numru bl-isem 'Merhba' fi Triq Grunju, Nadur, Ghawdex b'bibien ohra ghal fuq Triq il-Mithna il-Qadima, bil-mandra u bitha annessa, u l-intier tal-kejl superficjali komplessiv ta' circa hames u mija u tmenin metri kwadri (580 m.k.) u konfinanti min-nofsinhar ma' Triq Grunju, punent u tramuntana ma' Triq il-Mithna il-Qadima.

Angelo Camilleri ma kellux il-kapacita' mentali mehtiega meta ghamel dan il-kuntratt ta' donazzjoni, minhabba li kien marid serjament u ghal hafna hin ma kienx ikun lucidu mentalment, hekk kif ser jigi ppruvat ulterjorament waqt is-smigh ta' din il-kawza. F'dak iz-zmien Angelo Camilleri kien diga' dementi u ma kellux l-uzu tar-raguni, ghalkemm mhux interdett, u ghalhekk il-kuntratt imsemmi kien null fil-konfront tieghu.

Inoltre, biex sar il-kuntratt imsemmi ma gietx segwita l-procedura ffissata bil-ligi. Dan peress li ma nqarax lil Angelo Camilleri quddiem ix-xhieda li dehru fuq il-kuntratt proprju minhabba li l-istess Angelo Camilleri ma kienx f'pozizzjoni li jiffirma.

Gialadarba l-proprjeta' donata bil-kuntratt fuq imsemmi kienet tifforma parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn

Angelo u Giuseppa Camilleri, il-kunsens ta' Angelo Camilleri kien ukoll mehtieg sabiex sehem Giuseppa Camilleri jigi donat lill-konvenut. Konsegwentement ghall-istess ragunijiet fuq imsemmija, id-donazzjoni msemmija hija nulla wkoll fil-konfront ta' Giuseppa Camilleri

Angelo Camilleri miet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) filwaqt illi Giuseppa Camilleri mietet fit-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbgha (2004). Permezz tad-diversi testmenti unica charta li saru mill-konjugi Camilleri li huma dawk tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985) fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri, tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u disgha u tmenin (1989) fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani, tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani u tal-hdax (11) ta' Mejju ta' l-elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani, l-istess konjugi Camilleri hallew bhala l-eredi universali taghhom lit-tfal kollha taghhom minbarra li binhom Carmelo sive Charles Camilleri.

Ulied Angelo u Guzeppa Camilleri huma l-atturi Evangelista mart Alfred Hili, Mary Assunta mart Ludovico Azzopardi, Joseph, Michael, David u Peter Paul ahwa Camilleri, kif ukoll il-konvenuti Loreta mart Salvu Camilleri, Carmen mart John Vella, Anna Maria mart il-Perit Teddie Busuttil, Raymond, Anton Camilleri u Eugene ahwa Camilleri, kif ukoll Margaret fis-seklu Suor Maria Angela Camilleri.

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-atturi jemmnu li l-kuntratt imsemmi huwa null u ghal dan il-ghan qed jipprezentaw ir-rikors odjern. Peress li l-konjugi Angelo u Giuseppa Camilleri huma mejta din il-kawza qed issir mill-atturi bhala uhud mill-eredi taghhom.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jaghmlu referenza ghal dak kollu fuq premess jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt ta’ donazzjoni maghmul minn Angelo u Giuseppa Camilleri fit-3 ta’ Frar 1994 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani huwa null u minghajr effett u dan peress li Angelo Camilleri ma kellux l-uzu tar-raguni kif rikjest mil-ligi biex jidher fuq il-kuntratt u jaghti l-kunsens tieghu ghad-donazzjoni msemmija.

2. In linea sussidjarja u alternattiva tiddikjara li dan il-kuntratt ta’ donazzjoni huwa wkoll null u minghajr effett u dan minhabba li ma gietx segwita il-procedura stabbilita bil-ligi dwar il-qari ta’ kuntratt lill-persuni mhux kapaci jiffirmaw u ghal din ir-raguni wkoll il-kunses da parti ta’ Angelo Camilleri fuq dan il-kuntratt huwa vizzjat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fil-5 ta’ April 2006 (fol. 25), fejn il-konvenuti eccepew:

1. Illi d-domandi attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt kif sejjer jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza.

2. Illi b’mod partikolari mhux korrett jinghad illi l-kuntratt ta’ donazzjoni impunjat kien null ghaliex Angelo Camilleri ma kellux il-kapacita’ mentali mehtiega sabiex jaddivjeni ghall-kuntratt imsemmi.

3. Illi l-anqas ma huma korretti l-atturi fl-allegazzjoni maghmula minnhom illi il-kuntratt ma nqarax lil Angelo Camilleri quddiem ix-xhieda.

4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk **ghall-grazzja tal-argument biss,** il-kuntratt ta’ donazzjoni huwa b’xi mod nieqes mill-validita’ ghal dak illi jirrigwarda l-interessi ta’ Angelo Camilleri, minn imkien ma jsegwi illi hemm xi nullita’ ghal dak illi jirrigwarda l-interessi ta’ Giuseppa Camilleri.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha nkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet.

Ikkunsidrat:

1. F'din il-kawza l-atturi qeghdin jimpunjaw kuntratt li sar fit-3 ta' Frar 1994 fl-atti tan-nutar Paul George Pisani u li bih il-genituri tal-kontendenti ttrasferew immobbli b'donazzjoni lill-konvenut Dun Dumink Camilleri. Il-kawza giet proposta fuq zewg kawzali:

a. L-inkapacita' mentali ta' Angelo Camilleri.
b. Li l-att pubbliku ma giex moqri lil Angelo Camilleri fil-prezenza ta' zewg xhieda.

2. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

a. Il-kontendenti huma wlied Angelo u Giuseppa konjugi Camilleri.
b. F'Gunju 1993 Angelo Camilleri sofra puplesija.
c. Fit-3 ta' Frar 1994 sar kuntratt ta' donazzjoni (fol. 6) li permezz tieghu l-konjugi Camilleri ttrasferew lil binhom il-konvenut Duminku Camilleri, id-dar bla numru Merhba, Triq Grunju, Nadur Ghawdex, b'mandra u bitha annessa. Dakinhar stess it-tabib John Cassar irrilaxxa certifikat mediku fejn iddikjara li kien ezamina lil Angelo Camilleri u li sabu fi stat lucidu u **kapaci li jaghmel *"...kuntratt jew kitba ohra."***. Dan ic-certifikat gie anness mal-kuntratt. Angelo Camilleri ma ffirmax il-kuntratt in kwantu gie dikjarat: *"Il-komparenti Angelo Camilleri jiddikjara li minhabba infermita' fizika ma jistax jiffirma."* (fol. 7). Fuq il-kuntratt deheru zewg xhieda, l-avukat Dr Carmelo Galea li f'din il-kawza rraprezenta lill-konvenuti u Maria Borg.
d. Fl-24 ta' Lulju 1994 miet Angelo Camilleri.
e. Fit-3 ta' Dicembru 2004 mietet Giuseppa Camilleri.
f. Fis-6 ta' Frar 2006 saret din il-kawza biex jigi dikjarat li l-kuntratt tat-3 ta' Frar 1994 hu null minhabba li Angelo Camilleri ma kellux l-uzu tar-raguni u inoltre in kwantu ma gietx segwita l-procedura rikjesta mil-ligi ghall-qari tal-kuntratt f'kaz ta' persuni li m'humiex kapaci li jiffirmaw. Il-kawza saret minn uhud mill-werrieta ta' Angelo Camilleri.

3. Ghal dik li hi kontestazzjoni ta’ validita’ ta’ kuntratt minhabba nkapacita mentali sabiex isir kuntratt, fil-kawza fl-ismijiet **Frank Cristiano vs Raymond Portelli** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Mejju 2004, gie osservat:

*“Il-principji li japplikaw f’kazijiet ta’ impunjazzjoni ta’ att minhabba nkapacita’ mentali huma:*

*1. Illi l-kapacita’ hija r-regola u l-inkapacita’ hija l-eccezzjoni, u ghalhekk il-presunzjoni hija favur il-kapacita’; liema presunzjoni hija “juris tantum”;*
*2. Illi huma nkapaci dawk li fi zmien ta’ l-att ma jkunux f’sensihom, u illi l-inkapacita’ ghandha tigi ppruvata minn min irid jimpunja l-att;*
*3. Illi biex persuna jkun kapaci jaghmel att ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu, imma huwa bizzejjed li jkollu l-uzu tar-raguni fi grad tali li jippermettilu jkun jaf x’inhu jaghmel;*
*4. Illi biex tigi stabbilita’ l-insanita’ mentali ta’ persuna hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi;*
*5. Illi l-Qorti Taghna dejjem kienu reticenti li jammettu d-domandi biex jigi annullat att minhabba nsanita mentali jekk dik l-inkapacita’ ma tkunx irrizultat b’mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li persuna kien qieghed jaghmel l-att. (Vol 34 p 108 App Vassallo vs Dr.V.Sammut 24 ta’ April 1950 u Vol 30 p 1 p 176 App Formosa vs Axiak 20 ta’ Gunju 1938).”*.

4. Wara li l-kawza kienet giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tat-2 ta’ Ottubru 2008[1], fl-1 ta’ Settembru 2008 il-konvenuti pprezentaw rikors fejn talbu permess sabiex jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri biex tinghata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Permezz ta’ risposta prezentata fis-17 ta’ Settembru 2008, l-atturi rrimettew ruhhom ghal din it-talba. B’digriet moghti fil-25 ta’ Settembru 2008 il-qorti laqghet it-talba tal-konvenuti,

[1] Seduta tal-1 ta’ April 2008 (fol. 340).

b’dan li filwaqt li ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza tat lill-partijiet l-opportunita’ biex iressqu l-provi fuq din l-eccezzjoni (fol. 430). Fis-seduta tat-30 ta’ Ottubru 2008 gie dikjarat li l-partijiet ma kellhomx provi x’iressqu dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, li taqra:

*“Illi kwalsiasi dritt ta’ azzjoni talvolta spettanti lill-atturi ghar-rexxissjoni tal-kuntratt huwa kolpit bil-perjodu ta’ preskrizzjoni ta’ sentejn komminat fl-artikolu 1222 tal-Kodici Civili kif ukoll bil-preskrizzjoni ta’ hames snin fit-termini tal-artikolu 1224 tal-istess Kodici abbinat mal-artikolu 1225 tal-imsemmi Kodici.”* (fol. 400).

Wiehed mir-rekwiziti ta’ kuntratt hu li l-persuna tkun kapaci li tikkuntratta. Skond l-Artikolu 968 tal-Kodici Civili:

***“Kull kuntratt maghmul minn persuna li <u>m’ghandhiex l-uzu tar-raguni</u>, jew li tkun ghad ma ghalqitx seba’ snin, huwa null.”***.

Skond l-Artikolu 1744 tal-Kodici Civili, huma nkapaci li jaghmlu donazzjoni:-

*“.....(a) dawk li skond il-paragrafi (a), (b), (c) u (d) ta’ l-artikolu 597, huma inkapaci li jaghmlu testmenti.....”*. Dawn jinkludu ***“....(d) dawk li, ghalkemm mhux interdetti, ma jkunux f’sensihom fiz-zmien tat-testment.”***, u bl-emendi ntrodotti bl-Att XVIII tal-2004 gie jaqra: *“dawk li, ghalkemm mhux interdetti, ma jkunux kapaci* ***li jifhmu jew li jkollhom volontà****, jew li, minhabba xi difett jew hsara, ma jkunux kapaci, ukoll permezz ta’ interpreti, li jesprimu r-rieda taghhom.”*.

Skond l-Artikolu 1212 tal-Kodici Civili:

***“Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi wahda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-ligi tiddikjara espressament null, hu suggett ghar-rexxissjoni.”***.

Ir-rekwiziti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, huma (Artikolu 966):

a. Li l-partijiet ikunu kapaci biex jikkuntrattaw;
b. Il-kunsens ta' min jobbliga ruhu;
c. L-oggett tal-kuntratt;
d. Kawza lecita;

Fil-kaz ta' vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' eta', obbligazzjoni minghajr kawza jew maghmula fuq kawza falza, l-azzjoni ghar-rexxissjoni taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn (Artikolu 1222 tal-Kodici Civili). Dan il-provvediment ma japplikax ghal din l-azzjoni in kwantu l-atturi m'humiex jsostnu li l-att hu null minhabba wahda mir-ragunijiet li tissemma fil-provvediment. F'kull kaz iehor, *"....il-jedd ta' l-azzjoni ta' rexxissjoni ta' obbligazzjoni jaqa' bil-preskrizzjoni eghluq hames snin minn dak in-nhar li l-azzjoni tista' titmexxa, bla ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuni li jkollhom jedd ghal din l-azzjoni, bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici."* (Artikolu 1224 tal-Kodici Civili).

Fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata fit-30 ta' Dicembru 2008, l-atturi ghamlu distinzjoni bejn l-inkapacita' naturali u dik legali, u jsostnu li l-inkapacita' naturali twassal **ghall-inezistenza tal-kuntratt (nullita' radikali) u ghalhekk l-Artikolu 1224 m'huwiex applikabbli fejn hemm l-inezistenza tan-negozju guridiku**.

Ghalkemm persuna tista' tkun legalment kapaci li twettaq att determinat, fil-mument li twettqu tista' ssib lilha nnifisha f'sitwazzjoni ta' inkapacita. Il-kawza tista' tkun **permanenti** (ezempju persuna affetta minn forma gravi ta' senilita) jew **tranzitorja** (ezempju persuna li qeghda taht l-influwenza ta' alkohol). Ovvjament, f'tali cirkostanzi l-qorti ma tistax, sempliciment ghaliex il-persuna hi legalment kapaci li twettaq att determinat, ma tatix protezzjoni. Fix-xjenza guridika, il-kelma nullita' hi wzata f'sens ta' inezistenza jew annullabilita' (ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell[2] fil-kawza **Avukat Andrew Chetcuti Ganado et nomine vs Catherine Spiteri et** deciza fl-14 ta'

[2] Imhallef P. Sciberras.

Novembru 2007). Il-Kodici Civili Taljan vigenti jaghmel distinzjoni cara bejn nullita' u annullabilita', fejn:-

a. Per ezempju n-nullita' hi kontemplata fejn m'hemmx ir-rekwiziti ta' kuntratt, cjoe' kunsens tal-parijiet, *causa*, oggett, il-forma preskritta *ad substantiam* (Art. 1325 u Art. 1418). In-nullita' tista' tkun totali (ezempju priv mill-forma rikjesta mil-ligi ad validitatem) jew parzjali (meta parti minnu jew klawzola huma nvalidi). Il-kazijiet ta' annullabilita' huma previsti espressament mil-ligi.

b. L-azzjoni ta' nullita' hi mpreskrittibbli, kuntrarjament ghal dik ta' annullabilita' soggetta ghall-perjodu ta' hames snin (Art. 1442); *"Appare evidente la ragione della previsione di un termine prescrizionale dell'azione di annullamento: producendo effetti, il negozio annullabile, sin dalla sua conclusione,* ***occorre determinare entro qual tempo il legittimato a far valere l'annullamento possa proporre la relativa azione****, onde vedere definitivamente stabilizzati codesti effetti, se, appunto, detto soggetto sia stato inerte, al fine di assicurare certezza di rapporti."*[3].

c. In-nullita' tista' tigi eccepita minn kull min ghandu nteress u wkoll mill-qorti *ex officio* (Art. 1421); *"La gravita' delle cause che comportano la nullita' del contratto, e l'esigenza di tutelare, per suo tramite, interessi che trascendono le parti negoziali, giustificano l'ampia legittimazione a promuoverne l'azione: la nullita' puo' essere fatta valere da chiunque vi abbia interesse, e puo' essere rilevata d'ufficio dal giudice (art. 1421). Si suol parlare di assolutezza della legittimazione ad agire."*[4].

d. Azzjoni ta'nullita' hi biss azzjoni ta' accertament, cjoe' l-effett taghha hu dikjarattiv u mhux kostituttiv kif inhu fil-kaz ta' annullabilita.

---

[3] *Istituzioni di Diritto Privato,* Mario Bessone – G. Giappichelli Editore (1994) pagna 688.
[4] Ara Mario Bessone, pagna 675.

e. M'huwiex possibbli li kuntratt null jigi sanat jekk il-ligi ma tiddisponix mod iehor, mentri kuntratt annullabbli hu sanabbli (Art. 1444).

It-tezi ta' l-atturi (bazata fuq l-insenjament ta' l-awtur Francesco Ricci) giet abbracjata minn xi sentenzi tal-qrati taghna. Hekk per ezempju fil-kawza **Salvatore Psaila vs Marianna Parlar et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' April 1957 (Vol. XLI.i.974) inghad: *"L-inkapacita' naturali li wiehed jikkuntratta, a differenza ta' dik civili tissuponi l-impossibilita' naturali li wiehed jakkonsenti: u tissejjah ukoll inkapacita' assoluta, ghaliex in-nuqqas naturali tar-raguni, u tal-volonta' igib in-nuqqas tal-kunsens, u kwindi* ***l-inezistenza tal-kuntratt.****"*. In sostenn ta' din it-tezi l-qorti ghamlet riferenza ghall-fehma espressa mill-awtur De Philippis, *Diritto Civile Comparato*[5]. L-istess fehma giet addottata fi-kawza **Antonio Falzon nomine vs Avv. Dr Edgar Buhagiar et nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Marzu 1948 (Vol. XXX.i.230), fejn saret riferenza ghall-insenjament ta' l-awtur Giorgi. Hekk ukoll gara fil-kawza **Tabib Principali tal-Gvern vs Christopher Camilleri** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Lulju 2002). Madankollu din il-qorti ma taqbilx. L-Artikolu 973 tal-Kodici Civili jipprovdi: *"Il-persuni kapaci li jikkuntrattaw ma jistghux jeccepixxu n-nullità tal-kuntratt minhabba* ***l-inkapacità ta' dawk li maghhom ikunu kkuntrattaw.****"*. Kuntrarjament ghal-ligi estera[6], dan il-provvediment ma giex limitat ghal kazijiet ta' nkapacita' legali. Skond il-ligi Maltija n-nuqqas ta' kapacita' (minhabba li parti tkun minuri, interdetta jew inabilitata jew dawk kollha li l-ligi timpedihom minn xi kuntratti – Artikolu 967 u wkoll min m'ghandux l-uzu tar-raguni – Artikolu 968), ma tatix lok ghall-inezistenza tal-kuntratt imma ghall-annullabilita'. Dan ifisser li n-nullita' hi wahda relattiva, in kwantu tista' biss tigi eccepita mill-parti inkapaci ghaliex giet stabbilita biss ghall-beneficcju tal-inkapaci. B'hekk jidher li l-legislatur ried li jaghti biss protezzjoni lill-

---

[5] *"La mancanza naturale di ragione e di volonta' porta alla mancanza di consenso, e quindi* ***all'inezistenza del contratto.****"*.

[6] Ezempju l-Code Napoleon Artikolu 1125 – *"Les personnes capables de s'engager ne peuvent opposer l'incapacite du mineur, de l'interdit ou de la femme mariee, ave qui elles ont contracte."*.

inkapaci. F'dan il-kuntest hi rilevanti s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Giuseppe Gauci et vs Angelo Gauci et** deciza fil-11 ta' Novembru 1955 (Volum XXXIX.i.286) li rrevokat is-sentenza ta' l-ewwel qorti:

*".....hi x'inhi l-posizzjoni guridika taht kodicijiet ohra,* ***hu cert li taht il-Kodici Taghna l-projbizzjoni li persuna kapaci tavvantaggja ruhha mill-inkapacita tal-kontraent l-iehor mhix limitata ghall-kaz ta' inkapacita legali, imma tikkomprendi wkoll il-kaz ta' inkapacita' naturali. Ghalhekk, f'kaz simili, ta' kontraent imbecilli, l-att hu null, imma biss fl-interess ta' l-inkapaci****; ghax il-kapaci ma jistax jopponi dik in-nullita'....is-sens tal-kliem tal-ligi hu li l-persuna kapaci ma tistax tavvantagja ruhha mic-cirkustanzi ta' l-inkapacita' tal-kontraent l-iehor, sew jekk din il-persuna kapaci tkun attrici kemm konvenuta"*.

Din hi wkoll il-posizzjoni fil-Kodici Civili Taljan vigenti. L-Artikolu 428 jipprovdi:

*"Gli atti compiuti da persona che, sebbene non interdetta, si provi essere stata per qualsiasi causa, anche transitoria, incapace d'intendere o di volere al momento in cui gli atti sono stati compiuti,* ***possono essere annullati su istanza della persona medesima o dei suoi eredi o aventi causa****, se ne risulta un grave pregiudizio all'autore."*.

Hekk ukoll l-Artikolu 1425(2) ta' l-istess Kodici jipprovdi:

*"E'parimente annullabile, quando ricorrono le condizioni stabilite dall'articolo 428, il contratto stipulato da persona incapace d'intendere e di volere."*;

*"Il contratto e' annullabile quando, trattandosi di tutelare interessi disponibili di una parte dello stesso, si ritiene opportuno far dipendere dall sua iniziativa l'eliminazione del contratto medesimo (Trimarchi ., Istituzioni di Diritto Privato, Milano, 1986, 271). Nelle ipotesi di annullabilita', pertanto, gli effetti del contratto si producono, ma possono venire eliminati se (e solo se) il contratto viene impugnato giudizialmente dalla parte nell'interesse della quale*

*l'invalidita' e' stabilita."* (*Codice Civile Ipertestuale*, G. Bonilini - M.Confortini – C. Granelli, UTET 2005 pagna 2371).

Fix-xenarju lokali l-qorti hi tal-fehma li meta persuna li tikkuntratta ma jkollix l-uzu tar-raguni, si tratta minn annullabilita' tal-kuntratt u mhux minn nullita' radikali. B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 973 tal-Kodici Civili, il-kuntratt li jsir minn persuna mhux kapaci (il-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn inkapacita' naturali jew legali) hu meqjus li jezisti. Kieku l-legislatur qies li l-kuntratt hu inezistenti meta jsir minn persuna li m'ghandix uzu tar-raguni, fl-Artikolu 973 ma kienx ighid li l-persuna kapaci ma tistax tecepixxi n-nullita' tal-kuntratt minhabba inkapacita' tal-persuna li maghha tkun ikkuntrattat. L-annullament ta' att annullabbli jigi dikjarat fuq talba ta' min hu legittimat li jitlobha.  B'analogija tista' ssir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Anthony Muscat vs Anthony Caruana** deciza fid-19 ta' Novembru 2004 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[7], li kienet tittratta kwistjoni dwar bejgh ta' haga ta' haddiehor. Il-qorti ghamlet riferenza ghall-Artikolu 1372 tal-Kodici Civili li jirregola l-materja u in kwantu jipprovdi li n-nullita' ma tista' qatt tigi opposta mill-bejjiegh; ***"Ghalkemm il-ligi tghid illi l-bejgh "hu null", madankollu, it-tieni proviso — illi n-nullità ma tistax "tigi opposta mill-bejjigh" — juri illi aktar milli nullità radikali dan huwa kaz ta' annullabilità relativa li jista' jinqeda biha x-xerrej biss."***.

Ghalkemm il-jedd ta' azzjoni ghar-rexxissjoni jghaddi ghand il-werrieta (Artikolu 1225 tal-Kodici Civili), peress li l-qorti hi tal-fehma li l-inkapacita' ta' parti li tikkuntratta ma tatix lok ghal nullita' assoluta, l-Artikolu 1224 tal-Kodici Civili ghandu japplika. Hu veru li fil-kawza ma saritx talba espressa sabiex il-qorti tordna r-rexxissjoni tal-kuntratt, pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-Artikolu 1224 ma japplikax. L-azzjoni ta' l-atturi hi fir-realta' intiza sabiex jigi rexxiss il-kuntratt u l-affarijiet jitqieghdu fl-istat li kienu qabel gie ffirmat il-kuntratt. Skond l-Artikolu 968 tal-Kodici Civili, kuntratt li jsir minn persuna li m'ghandhiex l-uzu tar-raguni

[7] Imhallef G. Caruana Demajo.

hu null, u skond l-Artikolu 1212 hu suggett ghar-rexxissjoni ftehim li jkun nieqes minn wahda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-ligi espressament tiddikjara li hu null. Fin-notamenti ta' Sir Adrian Dingli (fis-sezzjoni Fuq ir-Rexxissjoni), jinghad li ***"Rescissione e nullita' sono la stessa cosa."*** u f'dan il-kuntest jaghmel riferenza ghall-insenjament ta' Troplong (*De La Vente* § 685 u 688). Inoltre, l-Artikolu 1226 tal-Kodici Civili li jipprovdi li tista' tinghata **eccezzjoni ta' nullita'** mill-persuna li tkun imharrka ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt, f'dawk il-kazijiet kollha fejn seta' jagixxi ghar-rexxissjoni. Rilevanti wkoll hi s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Joseph Gatt vs Joseph Galea** deciza fit-12 ta' Lulju 1965 (Vol. XLIX.i.406), fejn gie osservat li l-ligi Maltija ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn azzjoni ta' nullita' u azzjoni ta' rexxissjoni; il-legislatur lokali ***"...d-definixxa bhala domanda ta' rexxissjoni tant il-mezz guridiku li bih tigi proposta n-nullita ta' att kemm dak li bih jintalab ix-xoljiment."***.

Bhala punt ta' nteress biss, ta' min jirrileva li hemm gurisprudenza li ssostni li:-

(a) L-Artikolu 1224 ma japplikax f'kaz ta' nullita assoluta ghaliex l-azzjoni ta' nullita' jew rexxissjoni huma *"...modi coi quali si estinguono le obbligazioni ed e' evidente che non si possa estinguere cio' che non esiste."* (ara sentenza fl-ismijiet **Giuseppe Scicluna et vs Vincenzo Chircop et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Mejju 1923 – Vol. XXV.i.511[8]).

(b) L-Artikolu 1224 japplika rrispettivament jekk in-nullita' hijiex assoluta jew relattiva, in kwantu dan il-provvediment ma jaghmel l-ebda distinzjoni (Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Sacerdote Don Simeone Borg vs Tommaso Borg** deciza fit-23 ta' Gunju 1879 [Vol.

[8] Ara wkoll sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Avv. Dr Joseph Desira Buttigieg nomine vs Raffaele Vassallo proprio et nomine** deciza fil-11 ta' Dicembru 1948 (Vol. XXXIII.ii.339); **Giovanni Saliba vs Carmelo Saliba** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Marzu 1950 (Vol. XXXIV.i.79); **Maria Felicia Cremona et vs Michele Abela et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Gunju 1959 (Vol. XXXII.ii.412); u **Maria Zammit vs Lawrence James Cappello et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Novembru 1962 (Vol. XLVI.i.372).

VIII.800]). L-istess qorti fil-kawza **Gaetano Spiteri vs Carmelo Spiteri et** deciza fit-28 ta' Gunju 1957 (Vol. XLI.i.412)[9], applikat il-preskrizzjoni kwinkwennali fejn cessjoni ta' azjenda ma saritx bil-miktub. Il-qorti kkunsidrat li skond l-Artikolu 1212 tal-Kodici Civili kull ftehim li fih tkun nieqsa xi wahda mill-kondizzjonijiet essenzjali (dawk elenkati fl-Artikolu 966) jew li **l-ligi tiddikjara espressament null**, hu suggett ghar-rexxissjoni. Ghalhekk f'tali cirkostanzi l-kuntratt hu wkoll soggett ghar-rexxissjoni.

Il-perjodu ta' hames (5) snin jiddekorri *"...**minn dak in-nhar li l-azzjoni tista' titmexxa.**"*. Jidher ghalhekk li fil-principju t-terminu sabiex parti timpunja att jibda mill-gurnata li fiha jezisti l-att. Kliem li ghalhekk ma jfissirx bilfors li l-perjodu jibda jiddekorri minn meta l-parti ssir taf bid-difett, kif jidher li qeghdin jargumentaw l-atturi. Angelo Camilleri miet fl-24 ta' Lulju 1994 u l-kawza giet prezentata fis-6 ta' Frar 2006, cjoe' kwazi hdax-il sena wara. Ghalkemm Carmelo Camilleri xehed li kien biss wara l-mewt ta' ommu Giuseppa Camilleri li sar jaf li kien sar il-kuntratt meritu ta' din il-kawza, l-atturi jaqblu li m'huwiex werriet. Fil-fatt lanqas mhu parti fil-kawza. Min-naha l-ohra:

Joseph Camilleri, wiehed mill-atturi, xehed: *"Jien sirt naf li sar il-kuntratt tad-donazzjoni meritu ta' din il-kawza ftit wara li sar fi Frar tal-elf disa mija u erbgha u disghin (1994)."* [fol. 78]. In kontro-ezami qal: *"Jiena kont sirt naf bil-kuntratt fl-istess xahar li sar. Nahseb li kienu xi tlett (3) ijiem wara t-tlieta (3) ta' Frar, nineteen ninety four (1994)."* (fol. 196[10]).

L-attur Michael Camilleri xehed li sar jaf bil-kuntratt *"...xi erba' (4) xhur wara li sar il-kuntratt."* (fol. 194[11]) u li tant hadha bi kbira b'dak li kien sar li ma baqax ikellem lill-ommu (Giuseppa Camilleri).

---

[9] Ara wkoll sentenzi citati fl-istess sentenza (Vol. XV.41 fejn l-Artikolu 1224 tal-Kodici Civili gie applikat f'kawza fejn l-attur kien qieghed jitlob dikjarazzjoni li kuntratt oneruz kien simulat ghaliex fir-realta' kien donazzjoni; XXXI.i.37; XVI.ii.332).
[10] Seduta tas-16 ta' Ottubru 2007.
[11] Seduta 16 ta' Ottubru 2007.

Alfred Hili, ir-ragel ta' l-attrici Evangelista Hili (mietet fil-mori) qal: *"Jiena kont sirt naf bil-kuntratt xi gimgha wara illi effettivament sar. Jiena f'qalbi ghidt, "mhux fair dak li ghamlu". Ma Guzeppa Camilleri kelli hafna kunfidenza. Jiena kont kellimtha lil Giuzeppa Camilleri. Ghidtilha li ma konniex hadna pjacir b'dak li sar.* ***Mieghi kien hemm il-mara meta tkellimt ma' Giuzeppa.****"* (fol. 234[12]).

L-attrici Maria Assunta Azzopardi xehedet: *"L-ewwel darba li jiena sirt naf bil-kuntratt li hu l-mertu ta' din il-kawza kien fis-sena elfejn u erbgha (2004) meta ohti li jisimha Lolly taghtna taghrif illi kien sar il-kuntratt u ghaddiet il-proprjeta' li tissemma fil-kuntratt u dan it-taghrif taghtulna bil-miktub.* ***Jiena nikonferma, pero', li huti Joseph u Peter Paul Camilleri, qaluli xi gimgha wara li sar il-kuntratt, jew ftit wara, illi kienet ghaddiet il-proprjeta' li tissemma fil-kuntratt permezz ta' kuntratt li sar.****"* (fol. 324[13]). Madankollu tghid li ma emmnitx dak li qalulha hutha Joseph u Peter Paul Camilleri (fol. 327).
Jekk wiehed kellu jaddotta t-tezi ta' l-atturi li *"...huma setghu jezercitaw din il-kawza* ***minn meta saru jafu bil-kuntratt mertu tal-kawza.****"*[14], il-qorti hi tal-fehma li rrizulta li meta Angelo Camilleri kien ghadu haj l-atturi kienu diga' jafu li kien sar il-kuntratt li bih giet trasferita l-proprjeta' lill-huhom il-konvenut Dun Duminku Camilleri. Madankollu hallew kwazi hdax-il sena jghaddu qabel ma hadu passi gudizzjarji. Hu veru wkoll li rrizulta li d-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' Angelo Camilleri saret fit-23 ta' Jannar 1995 mill-istess konvenut f'ismu u f'isem hutu, fejn il-proprjeta' in kwistjoni ma tissemmix. Madankollu ma kien hemm xejn x'izomm lill-werrieta milli, wara l-mewt ta' missierhom, isiru jafu x'halla fil-wirt. Dan qieghed jinghad apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li ghalkemm jedd ta' l-azzjoni ghar-rexxissjoni tghaddi fil-werrieta, ***".....dawn ma jistghux jezercitaw dan il-jedd hlief <u>fiz-zmien li kien fadlilhom dawk li minghandhom gejjin il-jeddijiet taghhom</u>, bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi dwar il-ksur jew is-sospensjoni tal-preskrizzjoni."*** (Artikolu 1225). Il-

[12] Seduta ta' l-1 ta' Novembru 2007.
[13] Seduta tat-8 ta' Frar 2008.
[14] Nota ta' sottomissjonijiet tat-30 ta' Dicembru 2008.

preskrizzjoni ma timxix kontra minuri u l-interdetti (Artikolu 2125), pero' m'hemmx provvediment simili ghall-inabilitat jew persuna li m'ghandix uzu tar-raguni. Fil-fatt l-Artikolu 2122 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-preskrizzjoni timxi ***".....(d) in generali, kontra kull persuna ohra li ma tidholx fl-eccezzjonijiet imsemmija fl-artikoli li gejjin."***. Sahansitra, l-Artikolu 1224 tal-Kodici Civili jipprovdi li ghal finijiet ta' din il-preskrizzjoni, *"....ma jittiehed ebda qies ta'* ***<u>l-istat</u> jew <u>tal-kondizzjoni</u> tal-persuni li jkollhom jedd ghal din l-azzjoni****, bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici."*. Mejqusa dawn il-provvedimenti jidher li t-terminu jiddekorri wkoll kontra parti li tista' tkun inkapaci (inabilitata jew m'ghandix l-uzu tar-raguni), in kwantu fil-konfront taghha l-preskrizzjoni m'hijiex sospiza. Dan minkejja l-fatt li r-raguni tghidlek li l-principju ghandu jkun illi t-terminu ta' preskrizzjoni ghandu jiddekorri mill-gurnata meta l-persuna ssir kapaci, u f'dan il-kuntest jidher li hemm lok li ssir emenda.

Ghalhekk jidher li t-terminu beda jiddekorri fil-konfront ta' Angelo Camilleri minn meta sar il-kuntratt, irrispettivament dwar jekk dak allegat mill-atturi kienx minnu jew le.

Fic-cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li t-talba ta' l-atturi in kwantu qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li l-kuntratt tat-3 ta' Frar 1994 fl-atti tan-nutar Dr Paul George Pisani hu null ghaliex Angelo Camilleri ma kellux l-uzu tar-raguni kif titlob il-ligi, hi preskritta skond l-Artikolu 1224 tal-Kodici Civili.

5. F'kull kaz, mix-xhieda li nghatat mit-tabib Dr John Cassar ghandna konferma li Angelo Camilleri sofra puplesija u wara *pulmonary edema* li hallewh paralizzat u dipendenti fuq familjari tieghu u effettwawlu wkoll il-fakoltjiet konjittivi, u kien ikun iktar mhux lucidu milli lucidu; *"Nikkonferma illi Angelo Camilleri ghamel zmien wara li tatu din il-pulmonary oedema* (recte, edema) *illi lanqas biss jaghrafni. Jiena nikkonferma li kien hemm okkazjonijiet meta jiena mort nara lil Angelo Camilleri fejn hu ma kienx lucidu u ma kienx jaghrafni u kien hemm drabi meta kien lucidu u kien jaghrafni."* (seduta tal-14 ta'

Dicembru 2007 - fol. 301). Fl-affidavit li ghamel fil-21 ta' Dicembru 2005 (fol. 29) spjega li minhabba l-pulmonary edema, *"...ghal hafna hin ma kienx ikun lucidu mentalment."*. Madankollu l-istess xhud spjega wkoll kif dakinhar li ezaminah (3 ta' Frar 1994, cjoe' d-data meta gie pubblikat il-kuntratt ta' donazzjoni), *"Nikkonferma li lili Angelo Camilleri kien gharafni. Nikkonferma li Angelo Camilleri seta' jitkellem u kien jiftiehem. Nikkonferma ukoll li Angelo Camilleri kien jaf min hu.....kien lucidu b'tali mod li seta' jaghmel kuntratt. Nikkonferma li fl-istat li kien Angelo Camilleri seta' jifhem, dakinhar li ezaminajtu, affarijiet semplici. Mistoqsi mill-Qorti jekk, per ezempju, setax jifhem jekk xi hadd jghidlu li ser jaghti rigal lil xi haddiehor, haga bhal din Angelo Camilleri seta' jifhimha....* *Nikkonferma ukoll illi b'riferenza ghar-rapport li jiena rrilaxxajt, fol. 225, jiena ma kontx qed nillimita ruhi ghat-tip ta' kuntratt li seta' jaghmel dak il-hin li rajtu jiena Angelo Camilleri....nispjega illi meta jien ghidt li kien kapaci jaghmel kuntratt kont qed nirreferi ukoll li kien kapaci ukoll li jaghmel kuntratt li bih jittrasferixxi l-proprjeta"* (fol. 302). Il-qorti tistqarr li ghalkemm il-partijiet taw verzjonijiet kontrastanti dwar il-kapacita' ta' Angelo Camilleri wara li marad, ma tistax tiskarta l-verzjoni li nghatat minn dan ix-xhud u li tirreferi ghall-istat mentali tax-xhud dakinhar li sar il-kuntratt. Il-qorti kellha l-opportunita' tisma' lil dan ix-xhud jixhed *viva voce*, u hi tal-fehma li m'hemmx raguni ghalfejn m'ghandix temmnu. Jidher li Angelo Camilleri kien ikollu intervalli lucidi u matulhom kien kapaci li jaghmel kuntratt. Fir-rikors guramentat l-atturi ddikjaraw li Angelo Camilleri *"...ghal hafna hin ma kienx ikun lucidu mentalment."* (fol. 3), u dan jaghti x'jifhem li kienu qeghdin jaccettaw li kien hemm mumenti meta missierhom kien lucidu. B'riferenza ghal materja ta' nullita' ta' testment minhabba inkapacita, l-Imhallef M. Caruana Curran fil-kawza Joseph Bonavia et vs Giovanni Bonavia et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Ottubru 1971, spejga li ghalkemm *"....l-inkapacita' mentali antecedenti u sussegwenti tista' tghati lok ghall-inferenza li t-testatur kien ukoll inkapaci meta attwalment ghamel it-testment – il-Qorti ghandha thares ukoll, u anzi thares izjed, lejn il-mument tat-testment, u dana stante ir-riluttanza tal-ligi biex tannulla d-disposizzjonijiet ta' l-ahhar volonta', il-*

*presunzjoni tal-validita' taghhom u il-gurisprudenza dwar il-lucidu interval, li ghandha tinklina lill-gudikat biex iktar jahseb li t-testment sar f'wiehed mill-lucidi intervalli, jekk dawn jirrizultaw mill-provi."*.

L-awtur Laurent jispjega, *"Non basta dunque provare che il testatore era in uno stato abituale di demenza,* ***bisogna provare invece che la sua follia era senza lucido intervallo, val dire permanente.*** *Se, al contrario, e' provato che il defunto aveva dei lucidi intervalli, egli e' certo che la prova della demenza abituale sarebbe insufficiente,* ***poiche' puo' avvenire che il testatore sia stato in un lucido intervallo nel momento in cui disponeva."*** (*Principi di Diritto Civile*, Vol. XI pagna 112). Fil-kawza **Anna Borg et vs Maria Borg et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Novembru 1867 gie osservat: *"Attesoche' e' opinione ricevuta come vera (vedasi Troplong, Donazioni tra Vivi e Testamenti No. 463)* ***che il testamento si deve presumere fatto nel tempo della rimessione del male, se l'infermo ha avuto dei lucidi intervalli*** *e l'atto porta i caratteri della saggezza....."*[15]. Ghalkemm dan l-insenjament kien jirreferi ghal kwistjonijiet relatati ma' testmenti, il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn m'ghandux japplika fil-kaz ta' donazzjoni meta l-presunzjoni hi li persuna hi kapaci li tikkuntratta, f'donazzjoni hi liberalita' u dwar b'riferenza ghall-inkapacita japplika l-istess provvediment. Hu minnu li t-tabib Cassar ma ezaminax lil Angelo Camilleri fil-mument li sar il-kuntratt ta' donazzjoni, pero' jibqa' l-fatt li kien ezaminah dakinhar stess tal-kuntratt u sabu lucidu bizzejjed sabiex jaghmel kuntratt, li fi kliemu stess seta' jkun trasferiment ta' proprjeta. F'dawn ic-cirkostanzi, il-qorti ma tistax tasal biex tghid li fil-hin li saret id-donazzjoni, saret prova certa permezz ta' fatti precizi u univoci li Angelo Camilleri ma kellux il-kapacita' li jaghmel l-att.

Il-qorti taghmilha cara li b'daqshekk m'hijiex tghid li tikkondividi l-agir tal-konvenut Dun Dumink Camilleri.

[15] Insenjament u gie applikat fil-kawza **Joseph Bonavia et vs Giovanni Bonavia et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef M. Caruana Curran) fl-20 ta' Ottubru 1971.

Ghalkemm jidher li l-konvenut kien jiehu hsieb u jghin lill-genituri tieghu, il-qorti xorta temmen li bhala qassis messu kien jaf ahjar. Minflok gab l-ghaqda fil-familja, wassal sabiex jizdied id-dizgwid. Waqt is-seduti harget b'mod evidenti l-animozita li hemm bejn iz-zewg gruppi li finhom inqassmu l-ahwa. Dan apparti l-fatt li l-konvenut kien jaf kemm is-sahha ta' missieru kienet batuta, u f'dik il-kundizzjoni facilment suxxettibbli ghall-pressjoni li setghet ghamlitlu martu u l-istess konvenut sabiex isir il-kuntratt. Inoltre, m'hemmx dubju li l-konvenut kien jaf li mentalment missieru ma kienx ikunu lucidu l-hin kollu. Tant hu hekk li t-tabib Cassar ikkonferma kif kien hemm okkazzjonijiet meta Dun Dumink Camilleri u ommu kienu talbuh sabiex johrog certifikat mediku u rrifjuta ghaliex wara li jkun ezamina l-pazjent ma jkunx sabu lucidu (fol. 313). Dan iktar u iktar meta l-konvenut kien jaf ben tajjeb li missieru, meta kien ghadu f'sahhtu, ried li l-proprjeta' tithalla lill-konvenut b'uzufrutt u mhux li tigi trasferita l-proprjeta'. L-ebda ammont ta' proprjeta' mhi ser trebbah il-kuntentizza lill-konvenut u l-qorti tawgura li jara x'jaghmel sabiex ma jhallix din il-ferita miftuha.

6. L-atturi jsostnu wkoll li l-kuntratt li sar fit-3 ta' Frar 1994 hu null ghaliex *"...**ma nqarax lil Angelo Camilleri quddiem ix-xhieda li dehru fuq il-kuntratt** proprju minhabba li l-istess Angelo Camilleri ma kienx f'pozizzjoni li jiffirma."* (fol. 3). Jibda biex jinghad li tezisti l-presunzjoni ta' genwinita' tal-kuntratti u atti pubblici kollha, sakemm ma ssirx prova kuntrarja, u l-oneru tal-prova hu mixhut fuq min jallega.

Skond l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkviji Nutarili (Kap. 55), l-att nutarili hu null ***"jekk l-att ma jkunx inqara lill-partijiet quddiem ix-xhieda, meta dawn huma mehtiega mil-ligi."*** (Artikolu 40). Il-ligi titlob li jkun hemm zewg xhieda prezenti *"kull meta xi wahda mill-partijiet ma tkunx taf jew **ma tkunx tista' tiffirma.**"* (Artikolu 25). Kwalsiasi att li ma jkollux il-formalitajiet indispensabbli biex jadempixxi l-iskop li ghalih sar, hu null u meqjus bhala li qatt ma ezista. Formalitajiet li huma intrinsici u sostanzjali, in kwantu necessarji ghall-ezistenza u

perfezjoni tal-att. F'dan il-kuntest il-qorti tqies li l-Artikolu 1222 u 1224 ma japplikawx ghaliex din il-kawzali tittratta dwar formalita' essenzjali mposta mil-ligi. F'dan il-kuntest hu rilevanti l-Artikolu 1230 li jipprovdi li f'tali cirkostanzi fejn il-ligi ***"espressament tannulla"*** l-att, it-twettiq jew ratifika ta' att null minhabba nuqqas ta' formalitajiet, *"ma jsewwux dan l-att meta ma jsirux b'att li jkollu formalitajiet kollha mehtiega sabiex kien ikun jiswa l-att li jigi mwettaq jew ratifikat."*. Provvediment li jaghti wiehed x'jifhem li din in-nullita' hi nsanabbli jekk ma ssirx il-formalita' li hi rikjesta mil-ligi, u li fiha m'hemmx riferenza ghall-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-Artikolu 1224.

Fir-rigward ta' din il-kawzali nghataw zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin:-

**Nutar Paul George Pisani** – fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2006 xehed li meta nqara l-kuntratt, ix-xhieda kienu prezenti. Fit-traskrizzjoni ma jissemmix jekk Angelo Camilleri kienx prezenti meta nqara l-kuntratt. Sussegwentement l-atturi regghu ressqu lin-nutar bhala xhud (seduta tas-6 ta' Lulju 2007) u qal: *"Ghadu kif inqrali l-affidavit li ghamlet Maria mart Joseph Borg u li jinsab a fol 30 tal-process. Jiena nghid illi dak li qalet din ix-xhud m'huwiex minnu u dan fis-sens illi dan il-kuntratt mertu ta' din il-kawza nqara u gie ffirmat fil-prezenza ta' kull min kien involut fih."* (fol. 135).

**Maria Borg**: xehedet li *"Safejn naf jien il-kuntratt ma nqarax."* u li *"il-kuntratt gie ffirmat fil-kamra fejn kien hemm in-Nutar Pisani u fl-ebda hin ma sar jew inqara quddiemu Angelo Camilleri."* (fol. 30). Meta xehedet fl-1 ta' Novembru 2007 qalet: *"Jiena nsostni li quddiemi ma nqara 'l ebda dokument.... Certa wkoll li Anglu Camilleri fl-ebda hin ma kien prezenti fejn kont ninsab jiena fid-dar."* (fol. 227) u li Angelo Camilleri ma kienx qieghed fil-kamra fejn iffirmat il-kuntratt.

Il-konvenut Dun. Duminku Camilleri xehed li l-kuntratt kien sar *".... fil-kamra t'isfel fejn kien jorqod missieri dan l-ahhar. Fil-hin tal-kuntratt missieri kien bilqeghda fuq siggu tar-roti u n-Nutar Pisani qara l-kuntratt u spjegah fil-*

*presenza tieghi, tal-genituri tieghi kif ukoll tax-xhieda l-avukat Dr Carmelo Galea u Marija Borg."* (fol. 184).

Fil-kuntratt li ffirmat Maria Borg (fol. 6) jinghad li quddiem in-nutar u x-xhieda li ffirmaw, dehru Angelo u Giuseppa konjugi Camilleri.

Ghal ragunijiet li jafu l-konvenut u d-difensur taghhom, l-avukat Carmelo Galea (wiehed mix-xhieda) ma xehedx ghalkemm kien dikjarat fil-lista tax-xhieda.

Meta Maria Borg xehedet quddiemha, dehret deciza dwar il-verzjoni li tat. Pero' l-qorti tistqarr li xorta jibqa' d-dubju jekk il-kuntratt kienx inqara fil-prezenza ta' Angelo Camilleri. Dan iktar u iktar meta wiehed iqies li x-xhud kienet firmatarja ghall-kuntratt fejn gie dikjarat li gie ppubblikat u moqri fil-prezenza tal-partijiet u xhieda. Il-qorti tqies li ma tantx hu verosimili li n-nutar u l-avukat (li m'hemmx dubju kien qieghed jassisti lill-konvenut u jara li kollox imur sew u jilqa' ghall-eventwali kontestazzjonijiet tal-kuntratt) kienu ser jiehdu riskju li l-kuntratt jigi pubblikat mhux fil-presenza ta' wiehed mid-donaturi u fil-prezenza ta' barranija. Dubju li fil-fehma tal-qorti ghandu jimmilita favur il-validita' tal-kuntratt. Cirkostanza li tinklina lill-qorti biex tikkonkludi li l-kuntratt sar kif gie dikjarat fl-istess att.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

1. Tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti in kwantu l-ewwel talba ta' l-atturi hi preskritta ai termini ta' l-Artikolu 1224 tal-Kodici Civili. B'dan li tichad l-eccezzjoni ulterjuri in kwantu din tirreferi ghat-tieni talba.

2. Tilqa' t-tielet eccezzjoni u tichad it-tieni talba.

Mehud in konsiderazzjoni tal-istadju li fih giet sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, il-qorti tordna li kull parti taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha b'dan li l-ispejjez relatati mat-tielet eccezzjoni u tieni talba jkunu a karigu ta' l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------